**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' April, 2016**

Numru 11

**Rikors Guramentat Nru. 1050/2015**

**Mobisle Communications Limited u**
**b'digriet tat-8 ta' Frar 2016**
**GO p.l.c. assumiet l-atti flok Mobisle Communications Limited**
**peress li din tal-ahhar giet amalgamata ma' GO p.l.c.**

**vs**

**Maria Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tad-9 ta' Novembru 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' tnax-il elf, tmien mija u tlettax-il ewro u disgha u disghin centezmu (€12,813.99) u dan in konnessjoni ma' ftehim hawn annessa markata Dok. IZY1 li huwa ftehim ghal akkonti relattivi u Dok. IZY2 li huwa prospett ta' dak li hu dovut.

2. Illi l-konvenuta giet interpellata biex thallas izda baqghet inadempjenti u intbaghtet ukoll ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young hija wkoll impjegata mas-socjeta attrici Mobisle Communications Limited u taf b'dawn il-fatti personalment, wara li vverifikat mal-informazzjoni fil-file relattiv tas-socjeta attrici.

4. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni;

Tikkundanna Iil konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tnax-il elf, tmien mija u tlettax-il ewro u disgha u disghin centezmu (€12,813.99) in konnessjoni mad-dokumenti hawn annessi;

BI-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet dekorribli mid-data tal-kontijiet, kontra l-konvenuta, Ii minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Il-Qorti rat l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet fejn il-konvenuta ammettiet it-talba tas-socjeta attrici u sar ftehim dwar pagamenti rateali.

Il-Qorti rat il-verbal tal-partijiet fejn talbu li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza.

**Decide**

Billi l-konvenuta ammettiet it-talba attrici, qed tintlaqa’ t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa skond kif miftiehem bejn il-partijiet.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur